# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 112/2010

# tal-1 ta' Ottubru 2010

# li temenda l-Annexx XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 36/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2010 tat-23 ta' April 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali rigward id-definizzjonijiet tal-kategoriji tal-gruppi ta' pajjiż tat-twelid, gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti, gruppi ta' pajjiżi tar-residenza abitwali sussegwenti u gruppi ta' ċittadinanza ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej se jkun inserit wara punt 18ap (Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2010) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

"18aq. **32010 R 0351**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2010 tat-23 ta' April 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali rigward id-definizzjonijiet tal-kategoriji tal-gruppi ta' pajjiż tat-twelid, gruppi ta' pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti, gruppi ta' pajjiżi tar-residenza abitwali sussegwenti u gruppi ta' ċittadinanza (ĠU L 104, 24.4.2010, p. 37)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 351/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Novembru 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2010.

*Għal Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 143, 10.6.2010, p. 31.
([2]) ĠU L 104, 24.4.2010, p. 37.

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.